# MALTA MISSJUNARJA – IT-2 PARTI




Malta Missjunarja (MM) (1937-41): Fil-ħarġa ta' Jannar 1937, paġna 13, insibu l-'Innu tas-Santa Infanzja', miġjub mit-Taljan minn ċertu E. Apap, b'ritornell bi kliem differenti wara kull żewġ strofi kwinarji. Il-poeżija tittratta proprju l-festa tas-Santa Infanzja li kienet tkun iċċelebrata nhar l-Epifanija b'purċissjoni b'bambin iswed. Dari, it-tfal tal-Mużew kienu jagħtu sold fix-xahar għat-tfal tal-Missjoni. Mhux l-ewwel darba li sfortunatament kont tisma' 'l xi tifel jgħajjar 'l ieħor 'Qisek tas-Santa Infanzja' meta xi ħadd minnhom kien ikun jidher niexef iżżejjed. Din l-organizzazzjoni mmexxija mill-Knisja bl-isem ta' 'La Pontifica Opera della Infanzia Missionaria' kienet twaqqfet fl-1843 mill-Isqof Charles de Forbin-Janson (1785-1844) biex tgħin lit-tfal infidili Ċiniżi. F'Malta, Mons. Sidor Formosa (1851-1931) mill-Belt, li kien ta' nisel nobbli, ħadem ħafna biex jara 'l din l-opra tikber. F'riġel dan l-innu nsibu n-nota li ġejja bil-Malti qadim: 'dan l-innu huwa wkoll mużicat u għalhecc jista' wieħed jgħallmu lit-tfal biex icantawħ'. Poeżija oħra bil-Malti hija dik ta' Mons. Gauci: 'Veni S. Spiritus' (Sena V, Mejju 1937, nru 5, p.110) b'sitt strofi ta' seba' versi kwinarji l-waħda u rima abċadde, u 'Il-Missjunarju w il-Qalb ta' Ġesù' (Sena V,

## CONCORS TAL POESIJI.

Id-Direzjoni ta' Malta Missjunarja fetħet **CONCORS TA' POESIJI** fuk soggetti li għandhom x'jaksmu mal Missjoni. Ir-regulamenti huma dawn.

1. Cullħadd jista' jidħol għall dan il-Concors, basta li cull competitur josserva sewwa cull ma nitolbu.
2. Il-poesija għandha tcun mictuba taħt isem falż, izda l-isem tal-awtur għandhu jigi mibgħut fuk carta apparti mal-poesija. Ma l-isem tal-awtur jitnizzel ucoll l-isem tal-Poesija u l-indirizz.
3. Cull għamla ta' poesija hija milkugħa basta li ma tcunx itwal min 40 vers.
4. Nippubblicaw il-poesiji li jidrilna fil-Malta Missjunarja taħt l-isem ta' l-awtur jew ieħor scond chif jibgħat jgħidilna hu. Għall pubblicazjoni nzommu l-ortografija li biha jicteb l-awtur.
5. Id-decizjoni tal-ezaminaturi tcun l-aħħar chelma li contriha ħadd ma jista' imur.
6. L-għeluk tal-Concors icun fl'aħħar tax-xahar ta' April u r-risultat jigi mgħarraf fil M. M. chemm ucoll f'giurnali oħra.
7. Fuk l-envelops ictbu " Concors, " biex jintagħraf.

Il-premijet għar-rebbieħa huma dawn.

**L-ewwel Premju: Fountain Pen, marca Swan.**
**It-tieni „ Clamar E. P. N. S.**
**It-tielett „ Arlogg tal-idejn, veru cromium.**

N. B.—Għall cull informazzjoni dwar dan il-Concors ictbu lid-Direzjoni ta' Malta Missjunarja, Ufficju Missjunarju, 266, triek S. Pawl, il-Belt.

Ġunju 1937, nru 6, p.139), b'10 strofi endekasillabi u rima alternata ta' V.D. Ciappara li huwa kiteb fl-1 ta' Mejju tal-istess sena.

**Konkors ta' poeżiji:** F'Marzu tal-1937 id-direzzjoni ta' MM nediet 'Concors ta' Poesiji' b'rabta mal-missjoni (li oriġinarjament kellu jkun wieħed għall-poeżiji u novelli), fl-okkażjoni t'għeluq il-ħames snin ħajja tar-rivista. Il-konkors kien miftuħ għal kulħadd u l-poeżiji ta' kull għamla ma kellhomx ikunu itwal minn 40 vers. Dawn setgħu jintlaqgħu sal-aħħar t'April, bir-riżultati jitħabbru fil-MM kemm ukoll f'gurnali oħrajn. Wieġbu għalih 33 skritturi b'36 xogħol. 31 minnhom għaddew mill-kritika tal-eżaminaturi, b'sitta jiġu approvati u ħamsa skwalifikati minħabba li ma mxewx skont ir-regolamenti. F'kummenti li tat id-direzzjoni dwar ir-riżultat tal-konkors (Sena V, Lulju 1937, nru 7, pp.147-8): (a) il-biċċa l-kbira tagħhom ma kien fihom ebda ħjiel ta' taqsim u bini sewwa ta' versi, ta' ħsieb xieraq u għoli, u li fuq kollox ta' sengħa poetika: minn kitbiethom kienu jidhru li ma kellhomx tagħlim fond fil-ktiba letterarja Maltija; (b) dawk approvati nkitbu bis-sengħa u kellhom ħsieb, stil u ritmu tajbin, b'uħud minnhom tassew oriġinali.

**Ċaħda** (Sena V, Lulju 1937, nru 7, pp.149-150) ta' Karmenu Vassallo (1913-87) (psewdonimu: Lumen Ecclesiæ) kienet il-poeżija rebbieħa tal-ewwel post. Warajha ġiet 'Imbierek Dellkom!' (Sena V, Lulju 1937, nru 7, p.157), poeżija datata 25 t'April, b'10 strofi settenarji u rima abċb ta' Robbie Mifsud Bonnici (R.M.B.) (1884-1967) (psewdonimu: Mac-Ivel), prożatur u konferenzier b'xejra soċjali, imwieled Ħal Qormi. Fit-tielet post ġiet 'Missier il-Missjoni' (Sena V, Lulju 1937, nru 7, p.163) bi ▶

# ĊAHDA

*Ecce nos reliquimus omnia,*
*et secuti sumus te.*
(Matt. XIX, 27.)

Sema u baħar tan-nir! Seħer ta' kħula!
Tgħaxxqek il-Gżira tal-larinġ u l-ward!
Min twieled fiha xejn ma joħlom isbaħ!
Malta dejjem għalih ġenna ta' l-art!

Malta, benniena ta' qlub kbar li ssieltu
għad-Dîn ta' Kristu, għajn ta' mħabba u dawl,
kienet u tibqa' l-ġieħ ta' min għammidha;
kienet u tibqa' xbieha ta' San Pawl.

Omm ħanina bħal din ħadd minn uliedha
ma jibdilha mad-dinja kif iddur;
ħadd minn uliedha ma jiċħadha 'l Malta:
għax dejjem swiet ta' tarka, sejf u sur.

* * *

Sema u baħar bla lewn! Kruha li twaħħax!
Art miżgħuda bin-nies li jieklu n-nies!
Min twieled fiha ma jaf b'xejn ħlief b'għera!
Il-ġuħ u l-għaks u l-mard jaħkmu bla qies!

Alla f'din l-art bħal ħoss ta' leħen fieragħ:
ma jafux Bih u ma jissemma' qatt.
In-nies iqimu s-siġra tal-balluta.
F'din l-art mill-barranin ma rifes ħadd.

Isimha jkexkxek! Art tal-biża'! Fiha
ħaġa waħda bħall-bhejjem il-bnedmin.
Ħadd ma jaf x'inhu dmir, jew jedd, jew sewwa.
M'hemmx ħajja fejn fi Kristu m'hemmx twemmin.

* * *

Żagħżugħ, demm malti, frott ta' siġra tajba,
qassis mar-rieda tal-Mulej marbut,
iwiegħdu li Għalih iħalli kollox,
iwiegħdu li Għalih irid imut.

149

tmien strofi endekasillabi u rima abċb tal-Bormliż Ġużè Pesci (1894-1956) (psewdonimu: Ragħaj Habrieki). Poeżiji oħrajn li ssemmew b'ġieħ fil-konkors u li dehru fil-MM (Sena V, Awwissu 1937, nru 8) huma: 'Ħmira u Dqiq' (p.173), b'10 strofi senarji u rima abbċ ta' R.M.B. (psewdonimu: Le Verrier); 'Leħen il-Missjunarju' (p.179) ta' Ġużè Pesci (psewdonimu: S. Di G.) u 'Milied ta' Missjunarju' (p.185) ta' Carmenu Vassallo (psewdonimu: Ġiorġ Vassallo). Fl-istess sena dehru tliet poeżiji oħrajn ta' R.M.B.: 'Mill-Ħidma ta' Nażżaret' (Sena V, Settembru 1937, nru 9, p.199). Fl-istess ħarġa, p.205, dehret ukoll 'Fis-Saħħara', poeżija ta' Mons. Gauci bi tmien terzini kwinarji doppji u rima aba, u li iżda ma kienx ikkompeta biha fl-imsemmi konkors; 'Il-Jum tal-Mewt minn Alla' (Sena V, Ottubru 1937, nru 10, p.231) u 'Kristu Msallab' (Sena V, Novembru 1937, nru 11, p.255).

Fl-1938 dehru aktar poeżiji: 'Lux Vera': (S. Joan) (Sena VI, Frar 1938, nru 2, p.31) u 'Ara xi Ġmiel!' (Sena VI, Mejju 1938, nru 5, pp.111-2), it-tnejn ta' Mons. Paolo Gauci (1867-1942), membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali, kanoniku kantur tal-katidral, Prelat Domestiku tal-Papa u paneġirista magħruf; 'Innu lil S. Tereża tat-Tfajjel Ġesù' (Sena VI, Marzu 1938, nru 3, p.57) (psewdonimu: Fraca), b'ħames strofi settenarji, imbejna bir-ritornell: 'Qorob għalik, Tereża, / kmieni għalaqt iż-żmien. / Ersaq għalhekk bla biża' / fi ħdan Sid il-ħolqien.' ■